Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Awwissu 2019

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:
**Biex il-familji, permezz ta' ħajja ta' talb u mħabba, isiru b'mod dejjem aktar ċar "skejjel fejn tikber l-umanità vera" f'kull bniedem.**

**Ninġabar:**

Inħalli l-ħsibijiet tal-ħajja fil-ġenb u naħseb ftit fuq il-membri tal-familja tiegħi... fuq l-esperjenzi tagħna, il-mumenti ta' ferħ u dawk diffiċli ... naħseb kif inħarsu lejn l-umanità bħala familja.

**Fatt ċkejken:**



Janet u Paul kienu ilhom seba' snin miżżewġin. Dejjem ippruvaw jżommu lil Ġesù fiċ-ċentru ta' familthom permezz tat-talb u joffru ambjent ta' mħabba kemm bejniethom u anke lejn il-proxxmu. Minn naħa tagħha binthom Mariah, fl-iskola dejjem pruvat tkun tifla eżemplari li tħobb mingħajr riservi. Kellha ħabiba speċjali jisimha Nora.

Darba minnhom, Mariah qalet lil sħabha li aħjar isegwu lil Nora fil-passi taż-żifna għax kienet l-aħjar waħda. Nora semgħet lil Mariah issemmi jsimha u ħasbet li kienet qed tgħid kontriha. Malajr ħażżet tgħajjira fuq karta u newlitha lil Mariah. Din l-azzjoni ma niżlet xejn tajjeb ma' Mariah.

Kif waslet lura mill-iskola, Mariah ma lissnet xejn imma Janet indunat li nqala' xi ħaġa. Bid-dmugħ f'għajnejha, uriet il-karta bit-tħażżiża lil ommha. Janet tħawdet kif se tirreaġixxi. Tifhem li t-tfal għadhom żgħar u forsi aħjar ma tkabbarx l-istorja imma fl-istess ħin ma riditx li bintha tkun trattata b'dan il-mod. Janet ħassitha maqbuda bejn li tgħid lil Mariah biex taħfer lil ħabibtha u bejn li ma tibqax tfittex lil Nora.

Kif Paul ġie lura mix-xogħol, Janet tarrfitlu kollox. Wara li rriflettew flimkien, qablu li jkun aħjar li Mariah tirritorna l-karta lil Nora u tgħidilha li ħbieb ta' veru ma jittrattawx lil xulxin b'dan il-mod u li tixtieq taħfrilha biex jibdew paġna ġdida. Qabel raqdu, Janet talbet flimkien ma' Mariah biex Ġesù jtiha l-kuraġġ biex taħfer u twettaq il-pjan li ftehmu fuqu. L-għada Mariah waslet id-dar ferħana se ttir, kuntenta li rranġat id-differenzi ma' Nora.

**Naħseb ftit:**

Kemm inħoss li t-talb hu preżenti fil-ħajja ta' familti? Qatt ħsibt kemm familti tista' tagħmel ġid jekk tkun ta' eżempju għal ħaddieħor? Xi tfisser għalija l-umanità vera?

**Nitlob:**

Mulej, agħtini l-grazzja li ngħin lil familti biex inkomplu nikbru fl-imħabba u t-talb u li nkunu ta' eżempju ħaj fil-komunità biex tikber l-umanità vera.

**Kliem ta' dawl:**

Alla jrid familji fejn il-membri jħobbu lil xulxin u jedukaw lil uliedhom fit-tajjeb. *Papa Franġisku*

**X'nista' nagħmel:**

Nagħmel sforz biex nuri iktar imħabba lejn familti u nfittex li nitlob flimkien ma' familti aktar ta' spiss.